# Jinkixfu aktar misteri dwar il-Kanġu ta' Filfla

- **Irrekordjat għall-ewwel darba ċaqliq ta' Kanġu ta' Filfla b'ċurkett Malti lejn il-Baħar Eġew minn BirdLife Greece. L-għasfur irringjat minn BirdLife Malta fl-2008 fuq Filfla jitfaċċa fil-Gżejjer Griegi, li jfisser li għandu 11-il sena**
- **Fl-istess ġimgħa ringers ta' BirdLife Malta fuq Filfla jaqbdu Kanġu li kien ġie rringjat fl-istess post fl-1991, li jfisser li għandu 29 sena. Lanqas dan però mhu rekord, għax fl-2013 kien inqabad ieħor li twaħħallu ċurkett fl-1981, u għalhekk għandu aktar minn 32 sena**

Il-Kanġu ta' Filfla (*Hydrobates pelagicus melitensis,* Mediterranean Storm-petrel) huwa l-iżgħar għasfur tal-baħar li jbejjet fil-Mediterran, u mhux wisq ikbar minn għasfur tal-bejt fid-daqs. Fuq Filfla, li tifforma parti mill-Gżejjer Maltin, insibu l-akbar kolonja ta' din l-ispeċi fil-Mediterran b'madwar 8,000 par li jbejtu hawnhekk. BirdLife Malta ilha għaddejja bi studji dwar il-popolazzjoni ta' dan l-għasfur tal-baħar fuq Filfla sa minn tmiem is-snin sittin, u dan isir permezz ta' ċrieket li jkollhom numru uniku.

Rekords ta' għasafar osservati biċ-ċrieket juru ċaqliq ta' dan l-għasfur bejn Filfla u kolonja fuq il-gżira żgħira ta' Marettimo fi Sqallija. Aktar minn hekk, studju riċenti li sar bħala parti mill-proġetti LIFE+ Malta Seabird Project u LIFE Arċipelagu Garnija ta' BirdLife Malta bl-użu ta' tagħmir teknoloġiku li permezz tiegħu jiġu segwiti l-vjaġġi tal-għasafar (geolocator tags) żvela kif uħud mill-għasafar li jbejtu fuq Filfla jpassu lejn il-kosta ta' Spanja u anke jaslu sal-Atlantiku matul ix-xitwa.

The LIFE Arċipelagu Garnija Project is an EU funded initiative with partners BLM, TM and the RSPB. The project is 60% financed by the EU LIFE unit, 25% by the Maltese Government, 10% by BLM and 5% by the RSPB.

Madanakollu, ringers mill-Hellenic Ornithological Society (BirdLife Greece) issa sabu Kanġu li twaħħallu ċurkett l-ewwel darba fl-2008 fuq Filfla minn BirdLife Malta u li reġa' nqabad f'kolonja fuq waħda mill-Gżejjer Griegi. Sal-lum ma kienet teżisti l-ebda evidenza li turi ċ-ċaqliq ta' dan l-għasfur bejn il-kolonji fejn ibejjet fiċ-ċentru tal-Mediterran u dawk fil-Lvant tal-Mediterran. Din, għalhekk, hija skoperta kbira b'rabta ma' dan l-aktar għasfur misterjuż tal-Baħar Eġew minħabba li r-rabta bejn il-popolazzjonijiet tal-Kanġu fil-Baħar Eġew u dawk tal-Baċin tal-Mediterran Ċentrali issa ħarġet fil-beraħ għall-ewwel darba!

L-għasfur li nstab fil-Greċja kellu aktar minn 11-il sena, u filwaqt li dan minnu nnifsu diġà huwa fatt impressjonanti għal għasfur daqstant żgħir li jaqsam l-oċeani, xorta dan mhuwa bl-ebda mod l-ixjeħ Kanġu. Fil-fatt, fl-istess jiem, waqt żjara bħala parti minn riċerka li qed issir fuq Filfla, ringers ta' BirdLife Malta reġgħu qabdu għasfur li kien irringjat fuq l-istess gżira fl-1991, li jfisser li għandu aktar minn 29 sena! L-għasfur kellu aktar żmien mir-ringer li qabdu!

Imma lanqas dan mhuwa rekord. Lura fl-2013 kien inqabad Kanġu ta' Filfla li twaħħallu ċurkett fuq Filfla fl-1981, li jfisser li kellu 32 sena. BirdLife Malta u l-imsieħba tagħha bħalma hija l-Hellenic Ornithological Society (HOS) se jkomplu jistinkaw favur il-konservazzjoni tal-għasfar tal-baħar fil-Mediterran biex jiżguraw li speċi bħall-Kanġu ta' Filfla jkunu jistgħu jibqgħu jgħixu daqshekk fit-tul.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

The LIFE Arċipelagu Garnija Project is an EU funded initiative with partners BLM, TM and the RSPB. The project is 60% financed by the EU LIFE unit, 25% by the Maltese Government, 10% by BLM and 5% by the RSPB.

**Ritratti mehmużin:**

1. Il-Kanġu ta' Filfla li reġa' nqabad f'kolonja fil-Greċja, u li kien twaħħallu ċurkett l-ewwel darba fuq Filfla fl-2008. (Ritratt tal-Hellenic Ornithological Society/BirdLife Greece)
2. Kanġu ta' Filfla rringjat qed iħalli l-bejta fuq il-gżira ta' Filfla. (Ritratt ta' BirdLife Malta)
3. Il-Kanġu ta' Filfla, *Hydrobates pelagicus melitensis.* (Ritratt ta' John J Borg, BirdLife Malta)
4. Iċ-ċurkett ta' BirdLife Malta fuq sieq l-għasfur li nqabad fil-Greċja. (Ritratt tas-Soċjetà Ornitoloġika Griega/BirdLife Greece)

The LIFE Arċipelagu Garnija Project is an EU funded initiative with partners BLM, TM and the RSPB. The project is 60% financed by the EU LIFE unit, 25% by the Maltese Government, 10% by BLM and 5% by the RSPB.